**Laqgħa Numru 25**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**26 ta' Mejju 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.41 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |
| Johnny Vella | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):
n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

## 24.1.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

25.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 24 li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju.

## 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 Is-Sindku rrefera għall-iscreen tal-pjazza li kellu jiġi nstallat 'l għada stess. Is-Sindku spjega li kien beħsiebu jagħmel laqgħa mas-Sur Luke Galea ħalli jkun jista' jipprepara materjal biex jintwera fuq dan l-iscreen. Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-mappa mal-ħajt tal-latrina kellha tinbidel hekk kif din kienet għada turi l-Kunsill fi Triq Torri Tingi. Kien deċiż li s-Sur Paul Stellini kellu jaħdem fuq dan.

25.3.2 Is-Sindku rreferra għall-playingfield tal-Ħamrija fejn il-kuntrattur li rebaħ is-sejħa nforma lill-Kunsill li ma kienx interessat jieħu dan it-tender. Il-Kunsill kellu jgħaddi għat-tieni operatur li kien eliġibli hekk kif kien laħaq l-ispeċifikazzjonijiet rikjesti. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li s-siġar fil-playingfield kienu se jitħarrku aktar tard din is-sena hekk kif iż-żmien ideali kien għadda.

25.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li dakinhar stess kienet għalqet is-sejħa għall-bankini f'Tal-Ħamrija. Din is-sejħa kienet ħarġet mill-Ministeru t'Għawdex.

25.3.4 Is-Sindku rrefera għall-istudju preparat fuq il-Proġett tal-Islow Street fejn spjega numru ta' punti li ma kienx qed jaqbel magħhom fosthom li l-istudju ma jindirizzax il-problemi li hawn fit-toroq tax-Xewkija imma jissuġġerriexxi inħawi fejn it-toroq jiġu mmarkati bħala play areas. L-istudju jagħmel numru ta' suġġerimenti li l-Kunsill diġa' qed japplikka. L-istudju naqas milli jindirizza dak li għalih il-Kunsill kien daħal f'din l-inizjattiva biex isiru bollards jittelgħu u jinżlu fil-pjazza u u b'hekk il-pjazza tkun tista' tintuża bħala open space u jgħaddi biss it-transport pubbliku mingħajr il-bżonn ta' uffiċjali ta' TM jew gwardjani lokali.

25.3.5 Is-Sindku spjega kif kien tkellem mas-Supretendent tal-Pulizija rigward l-assistenza tal-pulizija mal-iskola. Hu spjega li x-Xewkija ma kinitx meqjusa bħala waħda mill-iskejjel mogħtija prijorita' pero' fuq insistenza tiegħu l-pulizija kellhom inizzlu l-iskola bħala prijorita' hekk kif l-iskola tax-Xewkija tinsab fi triq arterja. Is-Sindku spjega li kien talab li l-assistenza tal-pulizjija mal-iskejjel tkun parti mill-Agenda fil-laqgħa tar-Reġjun biex il-Kunsilli jieħdu pożizzjoni waħda u anke tintalab laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni

u l-Ministru tal-Intern.

## 25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

25.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet fuq il-proġett mill-WSC tan-new water li kien anke diskusss fil-laqgħa ta' Frar,2021 Laqgħ Nru 22. Is-Sindku spjega li n-new water system ma kinitx se tgħaddi minn Triq Il-Ħorob imma minn Triq Il-Madonna Tal-Ħniena. Il-membri ddiskuttew li għaldaqstant il-problema li hemm fuq Tal-Ħorob trid tiġi ndirizzat minnufih hekk kif kien hemm kawża pendenti fuqha.

25.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm risposta fuq il-konnessjoni ta' Triq Il-Ġidi ma' Triq L-Imgarr. Is-Sindku spjega li kien iċċekja mal-Perit responsabli u dan kien ikkonferma li din kienet għada ma saritx. Il-Viċi Sindku talab li ssir laqgħa mal-Ministru t'Għawdex fuq Triq Il-Ġidi minħabba l-pagament pendenti fuqha. Is-Segretarju ħadet nota fuq dan.

25.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet biex tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur taż-żibel li ma kienx qed jimxi mal-ħinijiet stipulati b'konsegwenza li l-boroż jispiċċaw jitqatgħu bi ħmieġ u rwejjaħ fit-toroq.

25.4.4 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi progress rigward l-installazjoni tal-cameras fil-pjazza u fi Ġnien Blankas. Is-Segretarju wieġbet li għall-kwotazzjoni tal-cameras ta' Ġnien Blankas kien biss supplier wieħed li bagħat kwotazzjoni li kienet għadha trid tiġi vverifikkata mill-Inġinier. Fuq il-cameras tal-pjazza l-Kunsill iddiskutta li kellna nitkellmu mas-supplier li ħadem fuq il-mitħna. B'camera simili fil-pjazza, tkun tista' tissolva l-problema li wieħed ikollu bżonn ħafna cameras u awtorizazzjoni mir-residenti.

25.4.5 Il-Kunsillier Jeanelle Attard staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jipprovdi s-servizz tat-transport tal-iskola bħal snin preċedenti. Il-Kunsill iddiskutta li l-avviż kellu jinħareġ kmieni u jitqassam kif l-iskola tkun għada miftuħa. Il-Kunsill kellu mbagħad jiddeċiedi skond ir-rispons li jkun hemm.

25.4.6 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kinux inġabru l-kwotazzjonijiet biex isir manitenzjoni fuq it-trakk tal-Kunsill. Is-Segretarju ħadet nota biex tibgħat għall-kwotazzjonijiet minnufih..

25.4.7 Il-Kunsillera Jeanelle Attard ġibdet l-attezjoni li l-ħinijiet li bagħtet il-librara għas-sajf ma jinkludux is-Sibt. Il-Kunsill iddiskutta li s-Segretarju kellha tiċċekja mal-librara peress li ħafna nies ikunu jistgħu jżuru l-librerija s-Sibt filgħodu biss. Ġie diskuss li idealment fis-sajf din għandha tinfetaħ filgħodu. Is-Segretarju ħadet nota biex tiċċekja jekk dan hux possibli.

25.4.8 Il-Viċi Sindku rreferra għat-tisqija fil-playingfield, ġonna, pjazza fejn issuġġerriexxa li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill idiskutta l-possiblilta' li t-tisqija tibda ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill stess permess ta' tank u t-trakk tal-Kunsill.



MU

JS

## 25.5 Triq Il-Kbira

25.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġie ppreżentat il-kont ċertifikat mill-perit għax-xogħol infrastruturali li sar fuq Triq Il-Kbira. Il-Kunsill unanimamnet qabel li ġadarba kienet saret il-laqgħa fuq is-sit fil-preżenza tal-Perit u l-kuntrattur, u x-xogħol ġie ċċertifikat mill-Perit kellhom jinżammu 5% mill-kont peress li kien hemm xi manitenzjoni li kellha ssir quddiem xi postijiet.

## 25.6 Rapport tal-Evalwazzjoni: Tender Miżura 4.4- Ħitan tas-Sejjieħ tal-Loġġa

### Tender tal-Perit

25.6.1 Ir-Rapport tal-Evalwazzjoni fuq is-Sejħa għall-offerti taħt Miżura 4.4- Ħitan tas-Sejjieħ tal-Loġġa ġie ppreżentat fuq il-mejda. Is-Sindku spjega l-kwistjoni li kien hemm minħabba l-Health & Safety Officer li kien jidher fuq żewġ offerti mitfugħa u li anke l-bord kien talab kjarafika lill-istess persuna. Il-Kunsill unanimament qabel li kellu jibqa' fuq ir-rakomondazzjoni tal-Bord u jmexxi bl-irħas offerta mitfugħa.

25.6.2 B'referenza għall-Evalwazzjoni fuq is-Sejħa għall-Offerti għas-Servizz ta' Perit il-Kunsill laqa' u approva r-rakomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni.

## 25.7 Ħatra Bord tal-Evalwazzjoni – Statwa ta' San Pawl

25.7.1 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsill kellu jaħtar il-bord tal-evalwazzjoni fuq is-sejħa għall-offerti għar-restawr fuq l-istatwa ta' San Ġwann. Il-Kunsill qabel li fuq il-bord kellhom joqogħdu l-Perit Shawn Micallef bħala evalwatur, s-Sur William Sultana bħala chairperson u s-segretarju tal-Kunsill bħala s-segretarju tal-Bord.

## 25.8 Sejħa tal-Offerti-Ħitan tas-Sejjieħ taħt Miżuri 44 (Ta' Bordin u Tal-Misraħ u Ta' Briegħen)

25.8.1 Is-Sindku spjega li kienet waslet l-approvazzjoni biex is-savings li kien hemm fuq ir-restawr tas-sejjieħ f'Tal-Ħorob, Tas-Salvatur u Tas-Salib jiġu użati biex isir restawr f'Ta' Bordin u Tal-Misraħ u Ta' Briegħen u għaldaqstant il-Kunsill seta' jipproċedi biex tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

25.8.2 Is-Segretarju spjegat li dan ix-xogħol ried jitlesta kollu sal-aħħar t'Ottubru u kienet tkellmet mal-Managing Authority biex tiċċekja fuq il-possibilita' li tintalab estensjoni biex jilħaq jitlesta l-proġett peress li kienet qed tara li ż-żmien hu qasir biex jitlesta l-proċess tal-ħruġ tat-tender, evalwazzjoni, awarding u implimentazzjoni tal-proġett. Hi spjegat li kienet qed tistenna risposta lura u kienet se tkun qed tinforma l-membri kollha



NS mc

tal-Kunsill jekk dawn kinux laqgħu t-talba tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskutta u jekk kienet se tingħata estensjoni, it-tender kellu joħroġ minnufih.

**25.9 Ġnien Blankas**

25.9.1 Is-Sindku spjega li l-għaqda tan-nar ma kinitx wriet interess biex tieħu ħsieb il-ftuħ u t-tindif tal-Latrina f'Ġnien Blankas. Hu spjega li fil-preżent kif kien informa l-Kunsill kienet qed tinfetaħ minn ħaddiem allokat mal-Kunsill taħt l-iskema CIES.

25.9.2 Is-Sindku spjega li kellu talba minn ħaddiem allokat mal-Kunsill biex dan jibda jieħu ħsieb jiftaħ u jnaddaf il-latrina hu peress li saħħtu ma tippermettix li jibqa' jagħmel xogħol ta' manitenzjoni. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li għandna nitolbu għall-ħaddiem ieħor la dan il-ħaddiem se jkun qed jitlob li jiġi transferit.

**25.10 Land Devolutions**

25.10.1 Rigward l-art mitluqa fi Triq Jean De La Valette l-membri tal-Kunsill unanimamnet qablu li kellha ssir applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' din l-art. Għaldaqstant din kellha tkun waħda mill-ewwel xogħlijiet li jaħdem fuqha l-perit tal-Kunsill.

25.10.2 Il-Kunsillier Johnny Vella ġibed l-attenzjoni li l-buffer zone mimlija mbarazzat, ħmieġ u anke ġrieden. Il-Kunsill iddiskutta li jekk din l-art ma tgħaddix taħt idejn il-Kunsill mhux se jinqata' dan il-ħmieġ. Il-Kunsill irreferra għal dak diskuss fil-laqgħa preċedenti fejn kien hemm qbil li jsir proġett rikreazzjonali fejn it-tfal b'mod speċjali dawk bi bżonnijiet speċjali jkunu jistgħu jużaw dan il-post bħala stress relief.

**25.11 Toroq**

25.11.1 Rigward Triq Torri Gorġun is-Sindku spjega li idealment il-Kunsill kellu jqabbad lill-Perit biex jaħdem fuq stima biex isir it-triq biex ikun jista' jgħaddi din l-istima lill-Ministeru t'Għawdex. Is-Sindku elenka d-diffikultajiet biex isir din it-triq li għada torba. Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill jaħdem ukoll biex ikollu f'idu l-istejjem ta' Triq San Publiju, Triq Il-Ħelsien u Triq Ein Karem. Dawn huma toroq li għandhom bżonn resurfacing. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma' dan.

25.11.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrefferriet għal parti minn Triq Santa Maria fejn anke kien hemm petizzjoni fil-passat biex din isir one-way bit-traffiku differit għal Triq San Duminku. Il-Kunsill iddiskutta pero' ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni.

25.11.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat li hemm triq ġdida fi Triq Sansun li għada bla isem. Il-Kunsill iddiskutta u pproponna li l-isem għandu jkun Triq Toni Vella hekk kif dan hu l-isem li kien imiss skond il-lista li l-Kunsill kien għadda lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq.

25.11.4 B'referenza għall-triq żgħira li minn Triq San Ġwann tagħti għal Triq Il-Ħamrija il-Kunsill iddiskutta fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Jeanelle Attard li din it-triq għandha ssir one-way biex il-vetturi jkunu jistgħu jidħlu fiha minn Triq San Ġwann. Il-membri



48 MC

tal-Kunsill qablu li din it-talba kellha tintbagħat għall-approvazzjoni ta' Tranpsort Malta.

25.11.5 Il-Kunsill iddiskutta ukoll Triq Sansun fejn fil-passat din it-triq kellha bollards u wieħed ma setax jidħol fiha la minn Triq San Ġwann u anqas minn Triq Il-Ħamrija. Is-Segretarju ħadet nota biex tiċċekja ma' TM kif suppost qiegħda din it-triq hux one-way jew no access.

25.11.6Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill kellu jmexxi biex isir sleeping police fejn Ġnien It-Tfal fi Triq Il-Kanal. Il-membri tal-Kunsill qablu li kellha tintbagħat it-talab lil TM.

## 25.12 Festa San Ġwann

25.12.1Il-Kunsill iddiskutta kif għal sena oħra l-festa esterna mhux se tkun qed isir minħabba l-imxija tal-Covid-19. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat dak li kienet bagħtet permezz ta' imejl fejn issuġġerriet inizjattiva marbuta mal-festa ta' San Ġwann għat-tfal tal-primarja fejn it-tfal jaħdmu fuq collage, tpinġija jew poeżija skond l-eta' tagħhom. Il-Kunsilliera Attard kienet se tieħu ħsieb tkellem persuni biex isir online workshop biex tgħin lit-tfal jaħdmu fuq il-proġett tagħhom. Ix-xogħol tat-tfal kellu imbagħad jinġabar fi ktieb li kellu jiġi ppublikat u dawk li jipparteċipaw fl-inzjattiva kellhom jingħataw bandiera ta' San Ġwann bħala rigal.

## 25.13 Korrispondenza u Ilmenti

25.13.1 Imejl mingħand l-Assistent Direttur mill-Gvern Lokali dwar laqgħa dwar l-immaniġjar tal-iskart, it-Tlieta 16 ta' Marzu 2021.

25.13.2 Imejl mingħand is-Sa Frankline Zammit Galea, kap tal-iskola Primarja tax-Xewkija, fejn irrispondit li lesta li titkellem mal-Kunsill dwar l-entratura tal-iskola minn Triq Widnet il-Baħar, iżda l-ewwel trid tlaqqa l-Kunsill tal-iskola.

25.13.3 Ċirkulari AKL 2021/018 – Tnedija tal-programm YEP 2021.

25.13.4 Ittra mingħand Transport Malta dwar talba għal 1.5m 'Keep Clear Bay/Reserved Parking Bay' fi Triq San Ġwann Battista.

25.13.5 Imejl mingħand is-Sur Colin Attard, Surmast Direttur, b'talba għal kollaborazzjoni fil-festival li ser isir fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija it-Tnejn 5 t'April 2021 bis-sehem tal-organista internazzjonali Wayne Marshall.

25.13.6 Sejħa għal parteċipazzjoni fir-'Ran EU-US Digital Study Visit' li ser isir fl-24 u l-25 ta' Marzu 2021.

25.13.7 Ċirkulari AKL 2021/022 – Preżentazzjoni Zoono – Kopja tal-preżentazzjoni waqt il-Webinar dwar l-Indafa Pubblika.



MA

25.13.8 Ċirkulari AKL 2021/020 – Webinar 'Supporting Children and Youth within our localities' li ser isir il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021.

25.13.9 Kjarifika mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali – Emenda 13.3 – Coronavirus. Is-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mas-Sindku jistgħa jagħmlu pjan sabiex kull xogħol li jista jsir bit-teleworking isir hekk b'tali arranġamenti li x-xogħol u s-servizzi lill-klijenti jibqa' konsistenti.

25.13.10 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv lis-Sa Borg Zammit mill-Malta Libraries dwar il-possibilita li jintbagħt xi ħadd biex jiftaħ il-librerija sakemm il-librara tirritorna lura għax-xogħol. Hija rrispondit li ser tara hux possibli li tinfetaħ tal-inqas darba fil-ġimgħa. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Malta Libraries li hemm librar li jista' jiftaħ kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa.

25.13.11 Ċirkulari AKL 2021/019 – Webinar AKL 'Better Local Enviroment for Better Living' li ser isir is-Sibt 10 ta' Marzu 2021.

25.13.12 Ċirkulari AKL 2021/024 – Online Team Building Event li ser issir is-Sibt 3 t' April 2021.

25.13.13 Imejl mis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-aħbar tal-mewt u l-funeral ta' omm ta' ħaddiem li jaħdem mal-Kunsill Lokali ix-Xewkija.

25.13.14 Imejl mingħand is-Sur Svetlick Flores, CEO tal-LESA, dwar fondi għall-proġetti fil-komunita' min l-Aġenzija LESA.

25.13.15 Korrispondenza mis-Sa Maria McMara mid-Direttorat tal-Edukazzjoni fejn qed jinforma lill-Kunsill li jista' jinnomina persuna għall-kariga ta' President fil-Kunsill Skolastiku tal-lokalita'.

25.13.16 Ċirkulari AKL 2021/015 – 'Mental First Aid' – Taħriġ ta' Mental First Aid għal membri eletti u Segretarji Eżekuttivi.

25.13.17 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv dwar il-kwotazzjonijiet irċevuti għat-tender tar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl.

25.13.18 Imejl mingħand is-Sur Ruben Said minn Transport Malta, fejn jinforma lill-Kunsill li l-permessi tal-għeluq tat-toroq jista' jibda jingħata minn filgħodu kmieni sakemm jibqgħu magħluqa l-iskejjel.

25.13.19 Imejl dwar problema tal-parkeġġ fi Triq Ħaġret l-Armi. Residenti qalulna li ġieli jsibuha diffiċli biex joħorġu l-karozza min djarhom stess peress li t-triq hija dejqa u bil-karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħħat ma jkunux jistgħu joħorġu.

25.13.20 Ċirkulari AKL 2021/016 – EUCF Webinar – Appoġġ finanzjarju biex isir studju u pjan finanzjarju ta' kif Kunsill Lokali jista' jinvesti f'enerġija effiċjenti u sostenibbli.

25.13.21 Imejl minħand residenta fiż-żona Ta' Ġokk b'talba għal 'patching' u tindif tat-toroq tal-madwar.



118 mw

25.13.22 Imejl mingħand is-Sur Matthew Mifsud mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar opportunita ta' taħriġ 'Introducing the European Solidarity Corps'.

25.13.23 Imejl mingħand is-Sa Chantelle Sciberras fejn talbet għal permess biex isir camping fil-lokalita tax-Xewkija.

25.13.24 Ċirkulari AKL 2021/026 – Active Ageing and Community Care – Update of application.

2513.25 Imejl mingħand il-librara s-Sa Mercieca lis-Sa Doreen Borg Zammit mill-Malta Libraries fejn qalet li min-nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu ser terġa tibda tagħti s-servizz tagħha fil-librerija.

25.13.26 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex dwar il-101 laqgħa tar-Reġjun t'Għawdex li ser issir it-Tnejn 22 ta' Marzu 2021.

25..13.27 Diversi ilmenti mingħand residenti mil-lokalita tax-Xewkija dwar ħmieġ tal-annimali fit-toroq u anke dwar ħruġ tal-boroż tal-iskart f'ħinijiet ħżiena li qed jikkawżaw aktar ħmieġ.

25.13.28 Talba għal-bankina fi Triq San Ġwann peress li fil-preżent mhemmx bankina u qed tinħoloq problema kull meta tagħmel ix-xita.

25.13.29 Talba biex tissewwa l-parti tat-triq in-Naġġara quddiem dar numru 27 peress li qed iżomm ħafna ilma quddiem din ir-residenza.

**25.14.1 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

25.14.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**25.15 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

25.15.1Il-laqgħa ntemmet 7.37pm. Il-membri tal-Kunsillier unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 1 ta' Lulju 2021 fl-4.30pm.

Konfermati, illum 1 ta' Lulju 2021

Hubert Saliba

Marion Attard